



Brussell, 10 ta' Diċembru 2021  
(OR. en)

14748/21

IXIM 278  
CRIMORG 155  
ENFOPOL 491  
ENFOCUSTOM 183  
JAI 1364

#### EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

|                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
|------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:            | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| fi:              | 9 ta' Diċembru 2021                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| lil:             | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| Nru. dok. preċ.: | 13931/21                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| Suġġett:         | "Deċiżjonijiet ta' Prüm" - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI<br>- Evalwazzjoni tal-Greċja rigward l-iskambju awtomatizzat tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi (VRD) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tal-Greċja rigward l-iskambju awtomatizzat tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, approvati mill-Kunsill fit-3837 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Diċembru 2021.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL****dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data  
tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI****Evalwazzjoni tal-Greċja rigward l-iskambju awtomatizzat tad-data tar-reġistrazzjoni tal-  
vetturi**

1. F'konformità mal-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, il-forniment ta' data personali previst taħt dik id-Deċiżjoni ma jistax isir sakemm id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' data stipulati fil-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni ma jkunux ġew implimentati fil-liġi nazzjonali tat-territorji tal-Istati Membri involuti f'tali forniment. Il-Kunsill irid jiddeċiedi unanimament jekk intlaħqitx din il-kondizzjoni. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal dawk l-Istati Membri fejn il-forniment ta' data personali kif previst fid-Deċiżjoni jkun diġà beda skont it-"Trattat ta' Prüm" (2005).
2. F'konformità mal-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI, il-verifika li tkun intlaħqet il-kondizzjoni ta' hawn fuq għandha ssir abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni bbażat fuq kwestjonarju. Fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' data f'konformità mal-Kapitolu 2 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun ibbażat ukoll fuq żjara ta' evalwazzjoni u fuq prova pilota.
3. F'konformità mal-punt 1.1 tal-Kapitolu 4 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI, il-kwestjonarju mfassal mill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill jikkonċerna kull wieħed mill-iskambji awtomatizzati ta' data u għandu jitwieġeb minn Stat Membru hekk kif iqis li huwa jissodisfa l-prerekwiżiti għall-kondiviżjoni tad-data fil-kategorija rilevanti ta' data.
4. Il-**Greċja** lestiet il-kwestjonarju dwar il-protezzjoni tad-data u l-kwestjonarju dwar l-iskambju tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Il-**Greċja** wettqet b'suċċess prova pilota man-Netherlands. Saret żjara ta' evalwazzjoni fil-**Greċja** u t-tim ta' evalwazzjoni min-Netherlands u minn **Ċipru** pproduċa rapport dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni li ntbagħat lill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill (5927/1/18 REV 1 DAPIX 27 CRIMORG 12 ENFOPOL 51 ENFOCUSTOM 22 JAI 79).

5. Meta ġie diskuss ir-rapport taż-żjara ta' evalwazzjoni, ġie rrakkomandat li l-grupp ta' ħidma kompetenti jiġi lura biex jiffinalizza l-evalwazzjoni hekk kif il-Greċja tkun innotifikat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li tkun implimentat il-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data b'attenzjoni partikolari għall-VRD. Il-Greċja għamlet dan permezz ta' tweġiba ġdida għall-kwestjonarju dwar il-protezzjoni tad-data (13929/21 IXIM 241 CRIMORG 136 ENFOPOL 440 ENFOCUSTOM 166 JAI 1238).
6. Ġie ppreżentat lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni ġenerali, li jiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-kwestjonarju, taż-żjara ta' evalwazzjoni u tal-prova pilota dwar l-iskambju tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi (13930/21 IXIM 242 CRIMORG 137 ENFOPOL 441 ENFOCUSTOM 167 JAI 1239).
7. Fil-vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni (IXIM) tat-2 ta' Diċembru 2021, ġie rikonoxxut li kull Stat Membru marbut bid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI jaqbel li huma ssodisfati l-kondizzjonijiet biex il-Kunsill jikkonkludi li, għall-finijiet tal-iskambju awtomatizzat tad-data rigward id-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, il-**Greċja** implimentat b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.
8. Abbażi ta' dan, il-Kunsill jikkonkludi li għall-finijiet tal-iskambju awtomatizzat tad-data rigward id-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, il-**Greċja** implimentat b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.